31994R0761

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 761/94
tas-6 ta' April 1994
li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1956/88 li jadotta dispożizzjonijiet għat-twettieq ta' l-Iskema ta' l-Ispezzjoni u Sorveljanza Internazzjonali Konġunta adottata mill-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Majjistral ta' l-Atlantiku

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi sistema ta' Kontroll tal-Komunità applikabbli għall-politika komuni fuq is-sajd [1], u partikolarment l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1956/88 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 436/92 [3] jimplimenta l-Iskema ta' l-Ispezzjoni u s-Sorveljanza Internazzjonali Konġunta adottata mill-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Majjistral ta' l-Atlantiku (NAFO) Kummissjoni tas-Sajd fl-10 Frar 1988;

Billi l-Kummissjoni tas-Sajd NAFO adottat fl-10 ta' Settembru 1993 proposta sabiex temenda l-Iskema;

Billi skond l-Artikolu XI tal-Konvenzjoni NAFO, il-proposta għandha, fin-nuqqas ta' oġġezzjonijiet, issir miżura li torbot il-partijiet kontraenti b'effett mis-16 ta' Diċembru 1993;

Billi l-iskema modifikata hija aċċettabbli għall-Komunità;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Treġija tas-Sajd u l-Akwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1956/88 huwa mmodifikat kif ġej:

1. Għandu jkun inserit it-tieni subparagrafu bit-test segwenti fil-paragrafu 5(ii) ta' l-Anness:

   "Meta dgħajsa ta' l-ispezzjoni tkun għamlet sinjali li grupp ta' l-ispezzjoni għandu wasal biex jitla' abbord dgħajsa tas-sajd tkun bdiet jew li tkun sejra tibda tiġbed ix-xbieki, il-kaptan tad-dgħajsa għandu jassigura li x-xibka ma tkunx imtella' għal perjodu ta' 30 minuta wara li jkun irċieva s-sinjal."

2. Il-linja ta' qabel ta' l-aħħar tal-paragrafu 5(ii) hija emendata kif ġej:

   "F'kull każ" huwa mibdul bi "Fil-każijiet kollha".

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' April 1994.

Għall-Kummissjoni

Yannis PALEOKRASSAS

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 261, ta' l-20.10.1993, p. 1.
[2] ĠU L 175, tas-6.7.1988, p. 1.
[3] ĠU L 54, tat-28.2.1992, p. 1.